# QORTI ĊIVILI PRIM'AWLA
# (Ġurisdizzjoni Kostituzzjonali)

## ONOR. IMĦALLEF TONI ABELA LL.D.

**Seduta ta' nhar il-Erbgħa, 31 ta' Mejju, 2023**

**Numru 4**

**Rikors Numru 143/22TA**

**Pauline Cassar K.I. 618662M**

**vs**

**Avukat tal-Istat**

**u**

**George Gatt K.I. 846249M**

**Il-Qorti:**

Rat ir-rikors ta' Pauline Cassar (ir-rikorrenti) tal-14 ta' Frar 2023.

Rat ir-risposta tal-George Gatt (l-intimat inkwilin) tal-20 ta' Marzu 2023.

Rat ir-risposta tal-Avukat tal-Istat (intimat Avukat) tal-4 ta' April 2023.

Rat id-digriet tagħha tat-8 ta' Frar 2023.

Rat l-atti u dokumenti kollha fil-proċedura.

Rat li r-rikors tħalla għal digriet fil-miftuħ għal-lum.

**Konsiderazzjoni**

Dak li qegħda titlob ir-rikorrenti hu li din il-Qorti tirrevoka contrario imperio id-digriet tagħha tat-8 ta' Frar 2023. nHuwa inkontestat li r-rikors tal-1 ta' Novembru 2022 tar-rikorrenti fejn talbet xi korrezzjonijiet fir-rikors promotur sar abbazi tal-artikolu 175 tal-Kap 12 tal-liġijiet ta' Malta. Ir-rikors odjern sar abbażi tal-artikolu 229(4) tal-Kap 12 tal-liġijiet ta' Malta. Dan is-subartikolu jiddisponi hekk:

"*Fil-każ ta' xi digriet <u>li jingħata taħt is-subartikoli (2) u (3)</u>,sakemm ma jkunx ġie preżentat rikors ta' appell, il-parti aggravatatista', b'rikors li jiġi preżentat fi żmien sitt ijiem mill-jum meta d-digriet ikun inqara bil-miftuħ fil-qorti, titlob lill-qorti li tkun tat id-digriet sabiex tikkonsidra mill-ġdid id-deċiżjoni tagħha. Fir-rikorsgħandu jkun hemm ir-raġunijiet kollha dettaljati li jsaħħu t-talba udan għandu jiġi notifikat lill-parti l-oħra li jkollha dritt tippreżentarisposta fi żmien sitt ijiem mill-jum tan-notifika".* (Emfażi tal-Qorti).

Minn eżami tas-subartikoli imsemmija, minn imkien ma jirrisulta li ċ-ċaħda ta' talba għall-korrezzjoni taħt artikolu 175 tal-Kap 12 tal-liġijiet ta' Malta huwa wieħed minn dawk id-digrieti indikati fl-artikolu 229(4). Huwa fil-każ ta' dawk id-digrieti biss hija permessa talba <u>għar-rikonsiderazzjoni</u> bħal dik li għandha quddiemha din il-Qorti llum. Ma jfissirx li r-rikorrenti ma kellha ebda rimedju. Jekk qatt, kellha titlob awtorizazzjoni li tinterponi appell mid-digriet mertu ta' din il-proċedura u dan kif jiddisponi l-artikolu 229(3) li jaħseb għal sitwazzjoni residwali u li jgħid hekk:

"*Hlief kif provdut  speċifikatament mod ieħor f'dan il-Kodiċi, appell* <u>*minn kull digriet interlokutorju ieħor li mhuwiex inkluż fis-subartikoli (1) u (2*</u>*) jista' jsir biss qabel is-sentenza definittiva jekk il-qorti li tkun qed tittratta l-każ tagħti permess speċjali sabiex dan isir, liema permess għandu jintalab b'rikors li jiġi preżentat fi żmien għaxart ijiem mill-jum meta d-digriet jinqarabil-miftuħ fil-qorti. Il-qorti, wara li tkun semgħet lill-partijiet,tista' tilqa' li jsir dan l-appell jekk jidhrilha li jkun aħjar u ġust li l-kwistjoni tinġieb quddiem il-Qorti tal-Appell qabel ma tingħata s-sentenza definittiva u t-terminu biex jiġi preżentat tali appellgħandu jibda jgħaddi mid-data tad-digriet li bih il-Qorti tkunlaqgħet li jsir dak l-appell"* (Emfażi tal-Qorti).

Dan jagħmel sens, għaliex fil-każ fejn ma hemmx appell qabel is-Sentenza, il-parti telliefa għandha tal-inqas jkollha opportunita' titlob lill-istess Qorti *tirrikonsidra* u mhux li tagħti digriet contrario imperio, kif tgħid ir-rikorrenti fir-rikors tagħha, id-digriet li tkun tat.  Fil-verita', dan huwa ukoll xorta ta' Appell bil-ħsieb li ma jinħeliex żmien u sabiex l-ewwel Qorti jkollha kontroll fuq il-Kawża li tkun qed tiġi trattata quddiemha.

Fil-fatt il-Qorti tal-Appell, fil-waqt li ċċitat Sentenzi oħrajn għamlet din l-osservazzjoni:

"*Dwar il-materja li titratta l-appellabbilita` ta' digrieti moghtija fil-kors ta' proceduri hija relevanti s-segwenti osservazzjoni maghmula minn din il-Qorti fil-kawza Paul Tanti et v. Sammy Mifsud:*

*"Ezami akkurat ta' l-artikolu 229 ghandu juri illi l-legislatur b'din iddisposizzjoni ried li jirregolarizza u jirrazjonalizza meta u kif seta' jsir appell minn digrieti moghtija mill-Qorti mahsuba biex jiffavorixxu landament korrett tal-proceduri quddiemha. Infatti l-artikolu jipprovdi ghal digrieti kamerali u interlokutorji ta' kull xorta u jiddetermina jekk setax jew le jsir appell minnhom qabel l-ghoti tas-sentenza definittiva u f'dawk il-kazijiet fejn digriet interlokutorju seta' jigi appellat qabel issentenza definittiva, id-disposizzjoni timponi procedura li kellha tigi segwita. Id-dispozizzjoni pero` taghmilha cara illi dawk il-provvedimenti kienu japplikaw biss ghad-digrieti msemmija fis-subincizi (1) u (2) ta' listess artikolu u ghal kull appell "minn kull digriet interlokutorju iehor li mhuwiex inkluz fis-subartikolu (1) u (2) ta' dan l-artikolu". Dan ifisser illi jekk id-digriet ma jkunx wiehed interlokutorju (naturalment ukoll jekk jkun kamerali) – u dana kif qed jigi definit li hu id-digriet taht ezami – l-artikolu 229 tal-Kap 12 ma kienx applikabbli ghalih. Infatti l-incizi sussegwenti (4), (5) u (6) huma lkoll marbutin mad-dispozizzjoni "precedenti. Kienu allura biss japplikaw ghal dawk ix-xorta ta' digrieti imsemmija fl-incizi (1) u (2)."* (Ara **Sentenza tal-Qorti tal-Appell tas-27 ta' Mejju 2016 fl-ismijiet Mary sive Marielle Cassar -vs- Edward Cassar**)

Fl-aħħar nett il-Qorti tħoss li għandha tagħmel dawn iż-żewġ osservazzjonijiet:

1. Li b'dan ma jfissirx li ma jistax isir appell mid-digriet mertu ta' dawn il-proċeduri flimkien mas-Sentenza finali ta' din il-Qorti.

2. Li huwa paċifiku illi l-liġijiet ta' proċedura għandhom jigu osservati alla lettera u mhux per equipollens. Dan għaliex il-procedura hi konsiderata liġi ta' ordni pubbliku u in kwantu statwita mil-liġi ma tistax tiġi sostitwita bi proċedura oħra, lanqas bil-kunsens tal-parti opposta. B'mod li l-eċċezzjoni relattiva jekk ma tiġix sollevata mill-parti l-oħra, jew tiġi rinunzjata, għandha tiġi mill-Qorti sollevata 'ex officio'. (Ara **Sentenza tat-22 ta' Novembru, 2002 Appell Inferjuri fl-ismijiet Maurice u Rosaria sive Lucy miżżewġin Cefai -vs- Doris Fenech**).

**Provvediment**

Għaldaqstant għar-raġunijiet fuq imsemmija qegħda tiċħad it-talbiet tar-rikorrenti.

Spejjes tal-istanti għar-rikorrenti.

**Imħallef Toni Abela**

**Deputat Reġistratur**